## QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum l-Erbgha, 8 ta' Frar, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**
**vs.**
**Matthew Bajada**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Matthew Bajada 28 sena bin Carmel u Rose Marie nee' Agius imwieled Pieta fis-16 ta' Lulju, 1983 u residenti fl-indirizz f'numru 5 'Rose', Triq Regjonali Santa Venera u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 365683M.

Akkużat talli

F'dawn il-Gzejjer, nhar is-26 ta' Marzu 2012, kif ukoll matul ix-xhur ta' qabel din id-data, f'hinijiet differenti u f'diversi postijiet madwar Malta,

1) waqt proceduri kriminali, ikkorrompa xhud, u cioe lil Joseph Camilleri, bit-tweghid, offerta jew ghoti ta' xi vantagg mhux dovut, sabiex jaghti xhieda falza;

Aktar talli nhar il-5 ta' Lulju 2012, gewwa Santa Venera:

2) ikkorrompa lil PC 364 David Borg, WPC 127 Carmen Gauci u lil PC 1213 Carlos Axisa, li huma ufficjali tal-Pulizija;

Aktar talli nhar il-5 ta' Lulju 2012, gewwa Santa Venera, kif ukoll fil-granet ta' qabel din id-data

3) kellu f'xi fond jew kellu fil-pusess tieghu jew taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu, xi arma tan-nar u/jew munizzjon u / jew qaws (crossbow) elenkati fl-Iskeda II u fit-Taqsima II, minghajr ma kellu licenzja taht dan l-Att;
4) sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta preseduta mill-Magistrat Dr Saviour Demicoli LLD nhar it-23 ta' Ottubru 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 119 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 26 ta' Settembru, 2012,[1] fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-artikoli 102(b)(c), 115(b), 119 u 120(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikoli 5(1) u 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Fl-artikoli 17, 23, 30, 31, 119 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt s-seduta tat-3 ta' Ottubru, 2012,[2] l-imputat Matthew Bajada ddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bil-procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet ix-xhieda, u rat id-dokumenti ezebiti u l-atti l-ohra ta' dawn il-proceduri.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet u semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet.

[1] A fol. 103 tal-process.
[2] Ara fol. 164 tal-process.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fl-2009, bdiet kumpilazzjoni kontra l-imputat u persuna ohra, Joseph Camilleri, fuq akkuzi ta' reati ta' importazzjoni, assocjazzjoni u pussess aggravat tad-droga.
2. Fit-28 ta' Jannar 2009, Joseph Camilleri ikkonferma bil-gurament quddiem magistrat zewg stqarriji u ta xhieda, li fihom *inter alia* implika lill-imputat odjern, fir-reati tal-ksur tal-ligijiet tad-droga fuq imsemmija.[3]
3. F'xi stadju – li ma jirrizultax mill-provi migbura – saret is-separazzjoni tal-gudizzju tal-proceduri kriminali kontrihom, u fil-konfront tal-imputat hareg l-att ta' akkuza sabiex jghaddi guri, u hu gie notifikat b'dan l-att tal-akkuza fis-27 ta' Awwissu 2010.[4]
4. Joseph Camilleri kien wiehed mill-persuni elenkati fil-lista tax-xhieda tal-att tal-akkuza tal-imputat.
5. Joseph Camilleri iddecieda li jibda trattattivi mal-Avukat Generali biex jippatteggjaw il-piena, f'kaz li Joseph Camilleri jiddeciedi li jammetti l-akkuzi dedotti kontrih.
6. Fis-sena 2012, meta Joseph Camilleri kien ghadu fi trattattivi mal-Avukat Generali dwar patteggament u vicin id-data tal-guri tal-imputat odjern, Joseph Camilleri allega li l-imputat kien avvicinah u ipprova jikkorrompih b'diversi modi, li se jigu spjegati iktar 'l isfel f'din is-sentenza, biex jaghti xhieda falza fil-guri li kien se jghaddi minnu l-imputat.
7. L-imputat gie arrestat u saret tfittxija fil-garaxx fejn hu jezercita l-professjoni tieghu ta' mekkanik tal-magni tal-opri tal-bahar, u f'dan il-garaxx instabu arma tan-nar, munizzjoni, qaws u vleggeg.
8. L-ufficjali tal-pulizija li ezegwew din it-tfittxija allegaw li l-imputat kien talabhom biex ma jelevawx dawn l-affarijiet mill-garaxx, biex ma jgibuhx f'iktar inkwiet, u wiehed mill-Pulizija allega li l-imputat kien offrielu li jekk jaghmlu hekk, itih somma flus biex jaqsmuha bejniethom.

[3] Ara Dok OD 1 a fol. 87 tal-process.
[4] Ara Dok OD 1 a fol. 87 tal-process.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

Qabel mal-Qorti se tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-htija o meno tal-imputat ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrih, il-Qorti tixtieq taghmilha cara li – ghalkemm id-difiza ma qajmet l-ebda oggezzjoni fir-rigward - hi thossha obbligat li tiskarta:

1. it-twegibiet kollha li l-imputat ta lill-Pulizija ghall-mistoqsijiet li ghamlulu waqt it-tfittxija fil-garaxx tieghu, stante li ma jirrizultax mill-provi li dan inghata d-dritt ghall-access ghal avukat qabel ta dawn it-twegibiet;
2. it-twegibiet kollha li l-imputat ta ghall-mistoqsijiet maghmula lilu mill-Ispettur Investigatur, u li ma jinsabux riprodrotti fl-istqarrija tal-imputat, u dan ghall-istess raguni. Huwa vera li jirrizulta li l-istqarrija bdiet fit-3.00pm u spiccat fid-9.45pm u fiha biss 4 faccati,[5] u allura huwa ovvju li ntqalu diversi affarijiet mill-imputut li ma gewx riprodotti fl-istqarrija. Pero din il-Qorti ma jistghax ikollha s-serhan tal-mohh li dak li l-Ispettur jallega li qallu l-imputat, u mhux riprodott fl-istqarrija, intqalx lilu qabel jew wara it-3.00pm, meta bdiet tittiehed l-istqarrija.

Din il-Qorti thossha obbligata li taghmel dan, biex tkun konformi mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

Rigward l-istqarrija innifisha tal-imputat, din ittiehdet in konformita mad-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali u tas-sentenza **Mario Borg vs Malta**, u fiha l-imputat gie mistoqsi biex jikkonferma li *"int inghatajt id-dritt li tiehu parir legali qabel ssirlek l-investigazzjoni u int irrifjutatajt li tiehu dan id-dritt"* u l-imputat ikkonferma, u d-difiza qatt ma qajmet xi oggezzjoni dwar l-ammissibilita taghha f'dawn il-proceduri.

Ovvjament, dak li l-imputat allegatament qal minn rajh – u mhux fuq mistoqsija tal-Pulizija – lill-istess Pulizija waqt it-tfittxija fil-garaxx tieghu, se jittiehded in konsiderazzjoni – minghajr pregudizzju f'dan l-istadju, jekk dak li l-Ufficjali tal-Pulizija jallegaw li l-imputat qalilhom minn rajh hux vera jew le.

---

[5] Ara Dok JB3 fol. 63 *et seq.* tal-process.

Il-Qorti sejra tikkunsidra l-imputazzjonijiet, kif migbura fl-artikoli elenkati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali.

(a) *L-imputazzjonijiet kontemplati fl-artikoli 102(b)(c), 115(b), 119 u 120(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Dawn l-imputazzjonijiet jirrigwardaw r-reat ta' attentat ta' korruzzjoni ta' xhud biex jixhed il-falz fi proceduri kriminali, u r-reat ta' attentat ta' korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku. Il-Qorti se tikkonsidra l-imputazzjoni ghal kull reat separatament.

*L-imputazzjoni ta' korruzzjoni ta' xhud*

Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, Joseph Camilleri xehed li l-ewwel darba li l-imputat avvicinah kien meta kemm hu u kemm l-imputat kienu ghadhom taht arrest preventiv, u kienu qed jistennew fil-bini tal-Qorti biex issir il-kawza taghhom. Camilleri xehed li l-imputat talbu li jiehu r-responsabbilita tar-reati li bihom kienu akkuzati kollha hu (cioe Camilleri) u jixhed li l-imputat ma kien jaf xejn dwarhom, ghaliex Camilleri kien seraqlu l-vann u ghamel in-negozju tad-droga ad insaputa tieghu. Camilleri xehed li l-imputat qallu li hu (Joseph Camilleri) kien kiber u rabba' lit-tfal tieghu, waqt li l-imputat kien ghadu zghir u xtaq irabbi lit-tarbija tieghu, u ma kienx hemm ghalfejn jehlu piena t-tnejn fuq dan il-kaz. Camilleri jghid li sa minn dan l-ewwel avvicinament, l-imputat offrielu l-flus biex jixhed il-falz.

Camilleri xehed li sussegwentement il-kuntatt bejnu u bejn l-imputat sar bit-telefon, kemm bil-mobile u kemm mill-linja fissa tad-dar ta' Camilleri. Saru diversi telefonati pero x-xhud ma ftakarx li sarux fis-sena 2011 jew 2012, imma kien cert li l-ahhar telefonata saret fis-26 ta' Marzu 2012. Camilleri jghid li l-imputat kien icempillu biex jikkonvincih biex ma jixhedx kontrih, u li jekk Camilleri kien se jispicca l-habs kien se jaccerta ruhu li jkun moqdi minn kollox. Camilleri jghid li anki offrielu li jaghti lil mara tieghu ammont ta' flus fil-gimgha biex ikollha biex tghix, sakemm kien ser idum il-habs. Semma wkoll li l-imputat kien offrilu "30,000" – hu xehed li fehem li dan l-ammont kienu flus Maltin, u mhux Euro, ghalkemm l-imputat ma specifikax il-valuta, sabiex ma jghidx dak li gara fil-verita quddiem il-qorti. Camilleri jghid li hu qatt ma tah risposta.

Camilleri jghid ukoll li fit-telefonata qabel dik tas-26 ta' Marzu 2012, l-imputat, apparti li qallu biex jirrangaw, qallu l-kliem *"jiena minix ser nheddek jew intajjrek minn hemm, qalli jiena mhux ta' dak it-tip. Qalli nitkellmu bil-kwiet, qalli ejja u nitkellmu bil-kwiet."*[6] Camilleri dan il-kliem tal-imputat qiesu bhala theddida bil-pulit, u beza minn dan id-diskors, u kien hemmhekk li ddecieda li jinforma lill-avukat tieghu dwar it-telefonati u dak li qallu l-imputat, u l-avukat tah parir biex jinforma lill-Pulizija.

Camilleri jghid li hu qatt ma qabel ma dak li kien qed jissuggerielu l-imputat u fl-ahhar telefonata tas-26 ta' Marzu 2012, l-imputat rega' offrielu l-flus u qallu biex imur il-garaxx tieghu biex jitkellmu u jirrangaw, u Camilleri jghid li wiegbu li jrid jahsibha u jekk jiddeciedi li jaghmel dak li kien qed jghidlu, jmur ifittxu hu.

Camilleri xehed ukoll li barra il-land line tad-dar (li jispicca bin-numri 121), hu kellu mobile wiehed biss, imma ma setghax jiftakar in-numru tieghu.

Camilleri jghid li kien hemm bejn 6 jew 8 telefonati bejnu u bejn l-imputat, u li kien l-imputat li kien icempillu, hlief ghal telefonata wahda fejn sab *missed call*, u cempillu lura.[7]

L-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Jesmond Borg xehed li wara li ottjena il-permess tal-Qorti Kriminali, Joseph Camilleri kien kellmu u infurmah b'dak kollu li Camilleri xehed dwaru f'dawn il-proceduri. Mill-investigazzjonijiet li ghamel l-Ispettur Borg irrizulta li t-telefonata tas-26 ta' Marzu 2016 saret mill-mobile number 9960 4351, li kien numru pre-paid, u ghalhekk is-service provider ma kellu l-ebda informazzjoni fuqu. L-Ispettur Borg talab lis-service provider itih il-call profile u localisation ta' dan il-mobile, u mill-*localisation* irrizulta li jghajjat ezatt il-lokalizzazzjoni fejn il-garaxx f'Santa Venera, li minnu l-imputat jahdem bhala mekkanik. Din l-informazzjoni giet ezebita mir-rapprezentant tas-*service provider* f'dawn il-proceduri.[8]

Fit-tfittxija li saret fil-garaxx instabu diversi mobile phones, fosthom wiehed bin-numru 9960 4349, li fl-istqarrija tieghu l-imputat ammetta li kien tieghu u li kien qed juzah hu. Pero fl-

---

[6] Ara xhieda ta' Joseph Camilleri a fol. 26 tal-process.
[7] Ara xhieda ta' Joseph Camilleri a fol. 24 tal-process.
[8] Ara Dok MP1 a fol. 77 *et seq.* tal-process.

istqarrija tieghu l-imputat qal li il-mobile bin-numru 9960 4351 – cioe bl-ahhar zewg numri biss differenti minn dak tieghu u b'qabza ta' numru wiehed biss – kien jintuza minn Joseph Camilleri, u mill-mara ta' Camilleri. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta li hu gieli cempel lil Camilleri, pero qallu wkoll li Camilleri gieli kien icempillu biex jghidlu bl-izviluppi fit-trattattivi ghall-pattaggament fil-piena li kellu mal-Avukat Generali. Pero l-imputat dejjem cahad li hu kien icempel lil Camilleri biex jikkorrompih.

Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-imputat xehed li fil-bidu ta' Jannar ta' 2012, kien mar il-garaxx fejn jahdem u sab nota b'envelopp li kien fih SIM Card u nota minghand Camilleri li tghid li kellu bzonn ikellmu. Hu pogga is-SIM Card go wiehed mill-mobiles li kellu, u ftit wara kien sab missed call fuqu. L-imputat assuma li kien Camilleri li cempillu ghax hu kien tah is-SIM card u rritorna t-telefonata. L-imputat xehed li f'din it-telefona, Camilleri kien qallu li *"… … jiena dahhaltek f'basla inkwiet pero jien ser inkun li ser nerga' nohrgok minn dan l-inkwiet … … qalli jien issa ftaht file ghand psikjatra li jien mentali u meta jiena nigi biex nixhed kontra tieghek, ix-xhieda tieghi mhux ser tigi tiswa ghas ser inkun mghoddi b'mignun."* L-imputat xehed ukoll li f'telefonata ohra Camilleri kien qallu *" … …isma' jien rnexxieli nwaqqa l-piena tieghi ghal 12-il sena u dalwaqt nigi sentenzjat u kif nigi sentenzjat jiena ser mmur Mount Carmel u nkun nista' nixhed bix-xhieda li jien ser nghid li jien m'ghadnix niftakar dak kollu li jien ghidt fl-istatement tieghi u nigi emmnut ghax jiena ser inkun ghaddejt b'mignun."* L-imputat kompla jixhed li hu kien informa b'dawn it-telefonati lill-avukat tieghu, li kien tah parir biex jinjorahom, u jibqa' ghaddej bil-kawzi tieghu. Kien ghalhekk li hu kien abbanduna l-mobile u tefghu f'kexxun mal-ohrajn, u meta nstab mill-pulizija l-batterija tieghu kienet *flat.*"

Fix-xhieda tieghu l-imputat cahad l-alleggazzjonijiet kollha ta' attentati ta' korruzzjoni u theddid pulit li xehed fuqhom Camilleri, u kompla jixehed hekk: *"Il-konversazzjonijiet li kellna qatt ma tkellna qatt ma tkellimt fuqi izda iktar kien jitkellem fuqu, process li kien qed jghaddi dak iz-zmien minnu, x'kien qed jghdilu l-avukat, x'kien qed jghidlu l-Avukat Generali, u f'liema patteggjament qed jaslu. Qatt ma tajtu informazzjoni fuq il-kaz tieghi jiena, speci qas qatt kellimtu. Tghidli allura kif kont incempillu? Billi l-kurzita kienet tghelibni iva. Dan kien jghidli isma jien qed nippatteggja mal-Ispettur u qed nippatteggja mal-AG u minn 12 ser inaqqsuhieli ghal 9 snin u minn 14 ghal 12, u minn 12 ha nipprova ghal 9."*

Qabel ma tigi ghal kwistjoni tal-kredibilita tax-xhud Joseph Camilleri u tal-imputat, il-Qorti thoss li hu opportun f'dan l-istadju li jinghata konsiderazzjoni ghal dak li rrizulta mill-call profiles, l-SMS's li ntbaghtu u l-*localisation data* tal-mobiles in kwistjoni, li bazikament huma l-unici provi indipendenti prodotti fil-konfront ta' din l-imputazzjoni, u x-xhieda tar-rapprezentant tas-*service provider*, Vodafone Malta p.l.c.

Ir-rapprezentant ta' Vodafone Malta p.l.c. xehdet li:[9]

1. In-numru tal-mobile 9951 0513 kien registrat fuq Joseph Camilleri, li jirrisjedi r-Rabat.
2. In-numri tal-mobile 9960 4351 (dak li l-Ispettur jghid li rrizultalu li hu tal-imputat, fil-waqt li l-imputat jghid li hu ta' Camilleri) u 9960 4349 (li l-imputat jammetti li hu tieghu) m'humiex registrati.
3. Pero, b'mod generali, dawn l-ahhar zewg numri kienu jikkonnettjaw l-aktar mal-istess site, go Cannon Road Santa Venera, u kienu qed jintuzaw mill-istess post.

Mid-dokumenti ezebiti mill-istess xhud jirrizulta li linja 9951 0513, cioe dik ta' Joseph Camilleri cemplet lin-numru 9960 4351 (li fuqu hemm kontestazzjoni) fis-segwenti dati:[10]

1. Fit 2 ta' Frar 2012 fl-16:15hrs u t-telefonata damet sekonda
2. Fit-2 ta' Marzu 2012 fl-10:27hrs u t-telefonata damet 489 sekondi, jigifieri 8 minuti u 15-il-sekonda.
3. Fis-26 ta' Marzu 2012 fl-16:07hrs u t-telefonata damet 305 sekondi, jigifieri circa 5 minuti.

Min-naha l-ohra, mill-istess dokumenti jirrizulta li in-numru 9960 4349 (cioe dak *ex admissis)* tal-imputat cempel lil Joseph Camilleri fuq in-numru tal-mobile tieghu 9951 0513 fis-segwenti dati:

1. Fit-8 ta' Frar saru s-segwenti telefonati:
    (i) fl-10:14:27hrs u t-telefonata damet sekonda
    (ii) fl-10:14:48hrs u t-telefonata damet 59 sekonda (cioe kwazi minuta)
    (iii) fl-10:16:02hrs u t-telefonata damet 85 sekonda (cioe 1.4 minuti)
    (iv) fl-15:02:41hrs u t-telefonata damet 21 sekonda

[9] Ara xhieda ta' Michelle Penza a fol. 73 *et seq.* tal-process.
[10] Ara fol. 80 tal-process.

(v) fl-18:06:31hrs u t-telefonata damet 2 sekondi

2. Fid-9 ta' Frar 2012 saru s-segwenti telefonati:
   (i) Fit-8:17hrs u t-telefonata damet 203 sekondi (cioe circa 3.4 minuti)
   (ii) Fid-9:30hrs u t-telefonata damet 48 sekondi.

3. Fl-10 ta' Frar 2012 saret s-segwenti telefonata:
   (i) Fil-11:07hrs u t-telefonata damet 154 sekondi (cioe circa 2.6 minuti)

4. Fit- 13 ta' Frar 2012 saret is-segwenti telefonata:
   (i) Fil-17:39hrs u t-telefonata damet 89 sekondi (cioe circa 1.5 minuti).

Mir-rapport tal-espert tal-IT mahtur minn din il-Qorti Dottor Martin Bajada biex *inter alia* jezamina l-kontenut tas-sim card bin-numru 9960 4349 (cioe dak *ex admissis)* tal-imputat,[11] jirrizulta li apparti li saru it-telefonati hawn fuq elenkati lejn in-numru tal-mobile ta' Joseph Camilleri, jirrizulta li l-imputat ghamel ukoll s-segwenti telefonati lil Joseph Camilleri fuq in-numru tad-dar tieghu, pero m'hemmx indikat id-durata tat-telefonata:

1. Fit-23 ta' Jannar 2012 fit-8:50 hrs
2. Fit-23 ta' Jannar 2012 fil-11:16 hrs
3. Fit-23 ta' Jannar 2012 fl-14:13 hrs
4. Fl-1 ta' Frar 2012 fl-18:18 hrs.
5. Fis-7 ta' Frar 2012 fid-9:41 hrs u
6. Fis-7 ta' Frar 2012 fl-16:12 hrs.
7. Fit-8 ta' Frar 2012 fl-17:54 hrs
8. Fid-9 ta' Frar 2012 fid-9:26 hrs
9. Fid-9 ta' Frar 2012 fl-10:48 hrs

Apparti l-ewwel zewg telefonati f'din il-lista, it-telefonati l-ohra lil Joseph Camilleri ghamilhom bhal *private number* – cioe minghajr ma n-numru tieghu jigi muri fuq l-ID Caller tal-linja fissa ta' Camilleri.

[11] Ara Dok MB1 a fol. 124 *et seq.* tal-process.

Mir-rapport tal-espert Dottor Martin Bajada jirrizulta li Camilleri permezz tal-mobile number tieghu cempel erba' darbiet lill-imputat fuq in-numru 9960 4349, minn fuq il-linja fissa tad-dar tieghu, u cioe

(i) Fit-23 ta' Jannar 2012 fl-16:06 hrs.

(ii) Fit-23 ta' Jannar 2012 fl-16:36 hrs.

(iii) Fit-8 ta' Frar 2012 fl-10:14:16 hrs.

(iv) Fit-9 ta' Frar 2012 fl- fl-14:58 hrs, li kienet missed call.

Mill-istess rapport jirrizulta li l-imputat cempel lin-numru 9960 4351 – li hemm kontestazzjoni lil min jappartjeni –

i. Fl-20 ta' Jannar 2012 – darbtejn
ii. Fl-1 ta' Frar 2012 – darba
iii. Fit-2 ta' Frar 2012 – darbtejn
iv. Fit-3 ta' Frar 2012 darba
v. Fid-9 ta' Frar 2012 – darba
vi. Fl-10 ta' Frar 2012 – darbtejn
vii. Fil-15 ta' Marzu 2012 – darba
viii. Fl-20 ta' Marzu 2012 – darba

Min-naha l-ohra sid il-linja 9960 4351 – cioe dik kontestata – ghamel is-segwenti telefonati lill-mobile tal-imputat.

1. Fit-8 ta' Frar 2012 – darba – missed call
2. Fl-10 ta' Frar 2012 - darbtejn – missed calls
3. Fit-2 ta' Marzu 2012 – darba

Mir-rapport tal-espert Dottor Martin Bajada, jirrizulta li l-SMS's li l-imputat baghat u li ircieva fuq il-linja tieghu kienu kollha lejn jew minn numru kontestat 9960 4351. Hekk in-numru 9960 4351 baghat lill-imputat is-segwenti messaggi:

1. Fl-20 ta' Jannar 2012 fit-8:47 – *"Isa qomt"*
2. Fit-23 ta' Jannar 2012 fl-12:34hrs – *"Tih wahda"*
3. Fit-23 ta' Jannar 2012 fis-14:40hrs – *"Hi I called you on 23/01/2012 at 03.40pm, - Free Missed Call Notification service from Vodafone Malta"*
4. Fl-24 ta' Jannar 2012 fid-9:4hrs – *"Fejn qijat"*

5. Fit-2 ta' Frar 2012 fis-12:32hrs – *"Hi, I called you on 02/02/2012 at 01.32pm – Free Missed Call Notification service from Vodafone Malta"*
6. Fit-2 ta' Frar 2012 fit-12:34hrs – *"I love you".*
7. Fit-2 ta' Frar 2012 fl-12:38hrs – "*I came but did not find you in bed"*
8. Fis-6 ta' Frar 2012 fis-7:18hrs – *"Hi, I called you on 06/02/2012 at 08.18am – Free Missed Call Notification service from Vodafone Malta."*

L-imputat baghat hames (5) messaggi lejn dan in-numru in kontestazzjoni, pero ghal xi raguni l-messaggi ma jidhrux – tlieta (3) minnhom jidher li gew mhassra u l-espert ma ta l-ebda raguni ghaliex iz-zewg messaggi l-ohra ma dehrux.

Minn dawn il-provi teknici tat-telefonati li saru u kif saru, il-Qorti hija tal-opinjoni li:

1. Ma jistax ikun hemm dubbju li s-sim cards tan-numri 9960 4349, dak tal-imputat, u n-numru in kontestazzjoni 9960 4351 inxtraw flimkien mill-istess post u fl-istess hin, ghax likieku ma kienx ikun hemm daqshekk diskrepanza minima bejn iz-zewg numri.
2. Jirrizulta li l-post minn fejn l-iktar kien qed jintuza n-numru 9960 4351 kien identiku ghal dak minn fejn kien qed jintuza n-numru tal-imputat, u fil-fatt kienu qed jaqbdu mal-istess antenna f'Santa Venera, li tigi vicin hafna l-garaxx f'Santa Venera, minn fejn kien jopera l-imputat bhala mekkanik dak iz-zmien. Ghalkemm l-imputat jallega li n-numru li jispicca bil-51 jappartjeni lil Joseph Camilleri, mhux verosimili li Camilleri, li joqghod ir-Rabat, ikun ftit metri l-boghod mill-garage tal-imputat, u jaghzel li jcempel lill-imputat, minflok imur ikellmu wicc'imb'wicc fil-garage jew fid-dar tal-genituri tieghu fejn suppost kien qed joqghod, u tigi faccata l-garage – specjalment meta ried ikellmu fuq xi haga tant delikata dwar kif kien bi hsiebu jixhed fil-guri u l-andament tat-trattativi tieghu mal-Avukat Generali.

3. Huwa sinifikanti li ghalkemm fl-istqarrija tieghu, l-imputat jallega li Camilleri kellu zewg numri tal-mobile, meta gie mistqosi *"Tiftakar fuq liema numru kont iccempillu lil Joe?"*, l-imputat wiegeb *"Ma niftakarx bl-amment imma qieghed imnizzel fuq il-mobile li tajtek."* Minn din ir-risposta huwa car li l-imputat kien icempel lil Camilleri fuq numru tal-mobile wiehed, ghax kieku kien iwiegeb li kien icempillu fuq iz-zewg numri. Issa ir-rapprezentant tal-Vodafone ikkonfermat li n-numru 9951 0513 huwa registrat fuq Joseph Camilleri, u fil-fatt l-imputat cempel lil Camilleri diversi drabi fuq dan in-numru, kif fuq indikat. Pero jirrizulta wkoll li l-imputat cempel ukoll

diversi drabi fuq in-numru in kontestazzjoni li jispicca bil-51, kif fuq indikat, u li hu jallega li jappartjeni lil Camilleri. Kif diga inghad, kieku l-imputat kien icempel lil Camilleri fuq in-numru li jispicca bil-51 ukoll, kien iwiegeb, li hu kien icempillu fuq iz-zewg mobiles.

4. Il-Qorti ma ghandix dubbju li l-kontenut tal-SMS li intbaghtu min-numru li jispicca 51 lill-imputat ma ntbaghtux minn Camilleri. Certament Camilleri ma kienx se jibghat messaggi lill-imputat *"I love you"* u *"I came but I did not find you in bed".* Ma saret l-ebda allegazzjoni la mill-Prosekuzzjoni u lanqas mid-difiza, li l-imputat kellu xi relazzjoni amoruza ma' Camilleri jew mal-mara tieghu, u allura l-Qorti hija tal-opinjoni li kwalunkwe kumment iehor fir-rigward huwa superflu.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet suesposti, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-Prosekuzzjoni irnexxiela tipprova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li n-numru li jispicca bil-51 ma jappartjenix lil Camilleri u li dan in-numru jew kien fil-pussess tal-imputat innifsu jew fil-pussess ta' xi hadd joqghod hafna qrib il-garage minn fejn l-imputat kien jopera. Anki mill-call profiles u l-SMS profiles li ghaddew bejn in-numru tal-imputat u n-numru in kwistjoni, il-Qorti m'ghandix dubbju li l-imputat jaf min verament kien fil-pussess ta' dan in-numru, izda ghazel li ma jghidx il-verita.

Fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, l-imputat jallega li kien Camilleri li ghamel l-ewwel kuntatt mieghu u hallilu s-sim card bin-numru li jispicca 49 mal-bieb tal-garage, b'nota biex icempillu. Jghid ukoll li hu kien sab missed call fuq dan in-numru u ssuspetta li kienet ta' Camilleri, u kien irritorna t-telefonata. Issa jekk wiehed janalizza l-call profile tal-mobile tal-imputat, isib li l-unika missed call li kienet gejja min-numru tad-dar ta' Camilleri saret fid-9 ta' Frar 2012. Pero mill-call profiles tal-linja tal-imputat, huwa car li kien l-imputat li ghamel l-ewwel kuntatt ma' Camilleri u dan fit-23 ta' Jannar 2012 meta cempillu tlett darbiet (3) fuq in-numru tad-dar tieghu sa kmieni wara nofs-in-nhar, u Camilleri cempel lill-imputat darbtejn filghaxija.

Kif jirrizulta mill-analizi fuq maghmula, t-telefonati li Camilleri ghamel lill-imputat fit-8 ta' Frar 2012 u fid-9 ta' Frar 2012, kienu gew preceduti minn telefonata/i tal-imputat, u t-telefonata tad-9 ta' Frar 2012 kienet missed call.

Mill-analizi tat-telefonati fuq maghmula, huwa ovvju li kien l-imputat li kien qed icempel lil Camilleri b'mod persistenti – specjalment bejn is-7 u t-13 ta' Frar 2012 – u ghalhekk m'humiex kredibbli lanqas l-allegazzjonijiet tieghu li Camilleri kien icempillu biex jinfurmah fuq l-andament tieghu fit-trattattivi li kellu mal-Avukat Generali ghall-patteggament fil-piena, u lanqas hija kredibbli l-allegazzjoni tal-imputat li hu kien gieli jcempel lil Camilleri ghax teghlbu l-kurzita biex ikun jaf kif kienu ghaddejjin it-trattattivi. Il-mod ta' kif l-imputat cempel lil Camilleri – gieli diversi drabi f'gurnata wahda, u f'granet konsekuttivi – certament ma jaghtu l-ebda konfort lil din l-allegazzjoni tieghu.

Pero huwa vera, li mill-provi migbura, jirrizulta t-telefonati li Camilleri ghamel fit-2 ta' Frar (li damet sekonda) fit-2 ta' Marzu u fis-26 ta' Marzu 2012 fuq in-numru li jispicca bil-51, u li l-Qorti diga qalet li m'ghandhix dubbju li kien tal-imputat jew ta' xi hadd li kien joqghod go jew vicin il-garaxx tieghu Santa Venera, saru minn Camilleri *di sua sponte*, minghajr ma kienu preceduti minn xi telefonati minghand l-imputat. Ghalkemm fix-xhieda tieghu Camilleri isostni li t-telefonata tas-26 ta' Marzu 2012, saret lilu mill-imputat, mill-provi jirrizulta li din it-telefonata saret minn Camilleri lill-imputat.

L-imputat xehed ukoll li fl-ewwel konversazzjoni bit-telefon li kellu ma' Camilleri, dan qallu li kien se johorgu mill-inkwiet li dahlu fih, billi jgib certifikat li hu kien mignun, u konsegwentement x-xhieda tieghu ma kinietx se titwemmen. Din il-Qorti m'ghandha l-ebda ezitazzjoni li tghid li lanqas din l-allegazzjoni mhi kredibbli. Jekk kien vera li Camilleri ried jaqla' lill-imputat mill-inkwiet li skond l-imputat, dahhlu fih, is-soluzzjoni kienet semplici – li jghid il-verita fix-xhieda tieghu fil-guri, u jammetti li meta kkonferma l-istqarrija tieghu bil-gurament hu xehed il-falz. Kieku dak li allega l-imputat kien minnu, ma hemm l-ebda raguni logika ghalfejn Camilleri kellu jirrapporta lill-Pulizija li l-imputat kien qed jipprova jikkorrompih biex jixhed il-falz – biex mhux biss ma naqqaslux l-inkwiet li skond l-imputat, dahhlu fih, izda ziedulu.

Inoltre, ma hemm l-ebda raguni logika ghalfejn Camilleri kellu joqghod icempel lill-imputat biex jinfurmah fuq l-andament tan-negozzjati li kien qed jaghmel biex jippattegga dwar il-piena. Din kienet kwistjoni li bl-ebda mod ma kienet tikkoncerna lill-imputat, u Camilleri ma kellux bzonn xi forma ta' assistenza minghand l-imputat biex jippattegga l-piena. Min-naha l-ohra, kien l-imputat li kellu bzonn l-assistenza ta' Camilleri biex ma jixhedx kontrih fil-guri li kien se jghaddi. Mill-mod persistenti ta' kif l-imputat kien qed icempel lil Camilleri, kif fuq

muri, din il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li l-imputat kien qed icempel lil Camilleri biex jipprova jikkonvincih sabiex ma jixhedx kontrih, u jassumi r-responsabbilita tal-ksur tal-ligijiet tad-droga kollha hu.

Fin-nota taghha u fit-trattazzjoni orali, id-difiza tipprova tiskredita x-xhieda ta' Camilleri ghal diversi ragunijiet. Fl-ewwel lok tghid li Camilleri kellu interess jixhed dak li xehed, sabiex jintghogob mal-Pulizija, u b'hekk permezz tal-patteggament huwa jinghata sentenza karcerarja mill-inqas. Ghalkemm din il-Qorti m'ghandhix dubbju li l-interess primarju ta' Camilleri fil-proceduri kriminali li kien ghaddej minnhom, kien li jsir patteggament fuq l-inqas piena possibbli, din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-allegazzjoni li ghamel Camilleri li l-imputat prova jikkorrompieh biex jixhed il-falz setghet tghinu biex l-Avukat Generali jikkonvincih sabiex jaqbel ghal piena inqas.

Huwa vera li fil-verbal quddiem il-Qorti Kriminal jghid li *"Id-difensuri tal-partijiet talbu aktar zmien biex jaslu ghal patteggjament l-akkuzat jaghti x-xhieda guramentata tieghu quddiem il-Qrati tal-Magistrati. Huma talbu biex Joseph Camilleri ikun jista' javvicina lil Prosekuzzjoni biex jgharrafha dwar x'informazzjoni kellu."*[12] Pero sabiex din l-informazzjoni tghin lil Camilleri fit-trattattivi tieghu ghal patteggament, din l-informazzjoni riedet taqa' fil-parametri tal-Kapitolu 31 u tal-Kapitolu 101, li jikkontemplaw l-ipotezi fejn l-imputat jinforma lill-Pulizija bid-dettalji tal-persuna li tkun tatu d-droga, u jibbenefika minn mitigazzjoni fil-piena.

Dan certament mhux il-kaz odjern. Il-fatt li Camilleri ghamel din l-allegazzjoni li l-imputat prova jikkorrompih jixhed il-falz fil-guri li kien se jghaddi, u nbdew dawn il-proceduri kontra l-imputat u Camilleri xehed fihom, ma seta' jkollhom l-ebda impatt fuq it-trattativi ghal patteggament li kien qed jaghmel Camilleri. Dan ghax fl-ewwel lok, dak il-patteggament kien jikkoncerna reati ohra, u ma kellu x'jaqsam xejn ma din l-allegazzjoni. Tant hu hekk, la l-proceduri kriminali kontra Camilleri u lanqas dawk kontra l-imputat ma qaghdu jistennew l-ezitu ta' dawn il-proceduri. Mill-provi jirrizulta li t-trattativi ghall-patteggament tal-piena ta' Camilleri gew konkluzi u Camilleri inghata piena karcerarja u multa. Min-naha l-ohra l-guri tal-imputat sar u hareg liberat mill-akkuzi dedotti kontrih. Ghalhekk, Camilleri ma akkwista

[12] Ara fol. 14 tal-process.

l-ebda forma ta' beneficcju, ghaliex ghazel li jinforma lill-Pulizija li Camilleri kien qed jipprova jikkorrompieh biex jixhed il-falz fil-guri.

Id-difiza tipprova tiskreda ix-xhieda ta' Camilleri ghaliex tghid likieku kien veru li l-imputat kien ipprova jikkorrompih biex jixhed il-falz sa minn meta kienu ghadhom taht arrest preventiv, Camilleri kien jinforma lill-avukat tieghu u jaghmel rapport lill-Pulizija *a tempo vergine*. Inoltre, d-difiza tghid li Camilleri mhux kredibbli ghax ma qaghadx inizzel id-dati, hin jew metodu ta' kommunikazzjoni u x'intqal bil-miktub, u ghaliex ma jiftakarx bi precizjoni x'kienu l-allegati offerti tal-imputat.

Pero, dawn l-attakki fuq il-kredibilita ta' Camilleri isibu r-risposta taghhom fix-xhieda ta' Camilleri stess meta jghid: *"Ma kelli l-ebda intenzjoni jiena li naghmel xi ftehim ma Matthew Bajada biex ma nixhidx kontra tieghu jew inkella nixhed kif iridni huwa. Ma kelli l-ebda intenzjoni. Jien sa dak iz-zmien partikolari ma kelli l-ebda biza jew hsibijiet go mohhi li jiena ghandi mmur naghmillu rapport lill-pulizija ta' dak li gara ghax sa dak inhar lanqas lill-avukat tieghi ma kont infurmajt li qed isiru it-telefonati. Meta saret it-telefonata ta' qabel is-26* (ta' Marzu 2012)*, meta hu gie qalli bhal speci jiena minix ser nheddek jew intajrek jew hekk, qalli jiena minix ta' dak it-tip, qalha wkollu li huwa mhux ta' dak it-tip, wara d-diskussjoni, wara dik it-telefonata ghax imbaghad bdiet tismaghni l-mara u qaltli x'qallek u hekk, u ghidtilha u qaltli qed jghid hekk biex dan, qaltli ahjar tmur tkellem lill-avukat. Qatt ma ghidt li bzajt personalment."*[13]

U iktar tard Camilleri xehed hekk: *"Jiena l-unika raguni li jiena ghamilt ir-rapport u mort kellimt lill-avukat huwa fuq id-diskors li nqala' ta' qabel is-26, meta hu beda jghid li jien minix ser nheddek jew intajjrek jew hekk u jiena bdejt nghid go mohhi, bdew bhal speci jiguni certu hsibijiet go mohhi … … Pero jien at the back of my mind, bhal speci dak id-diskors ma ghogobnix, hadtu jiena personali, ghidt dan jista' jinftiehem both ways u bhal speci mort kellimt lill-avukat, dak in-nhar mort kellimtu lill-avukat jiena."*[14]

La darba Camilleri, kif xehed hu stess, ma kellu ebda interess li jasal fi ftehim mal-imputat biex jixhed il-falz, jew li jirrapportah minhabba t-telefonati li kien qed jaghmillu, Camilleri ma kellu l-ebda interess izomm id-dettalji ta' meta cempillu l-imputat u x'wehdu bi

[13] Ara xhieda ta' Joseph Camilleri a fol. 34-35 tal-process.
[14] Ara xhieda ta' Joseph Camilleri a fol. 54-55 tal-process.

precizjoni. Ghalkemm irid jinghad, li fix-xhieda tieghu, Camilleri qal fis-sustanza x'weghdu l-imputat – l-unika punt li ma kienx car kienx jekk is-somma ta' tletin elf kienux Lira Maltija jew Euro. Camilleri jghid li hu fehem li kienu Lira Maltin, u l-Qorti ma tissorprendix ruhha ghax ghalkemm Malta kienet qalbet ghal munita Euro ftit iktar minn erba' (4) snin qabel, huwa notorju li numru sostanzjali ta' Maltin, partikolarment dawk pjuttost anzjani, bhalma kien Camilleri, ghadhom sal lum jinnegozjaw bil-Lira Maltija. Pero fi kwalunkwe kaz, lil Camilleri ma kellu l-ebda interess joqghod jiccara mal-imputat jekk din is-somma li kien qed joffrilu l-imputat kienitx fil-valuta tal-Lira Maltija jew tal-Lira Euro, ghax ma kienet taghmillu l-ebda differenza. Hu ghamilha cara li ma kellu l-ebda intenzjoni li jasal f'xi ftehim mal-imputat biex jixhed il-falz, u lanqas kellu intenzjoni li jirrapporta lill-imputat li kien qed jipprova jikkorrompieh, sa ma l-imputat circa Marzu 2012 ma heddux bil-pulit. Kien f'dak il-punt li informa lill-avukat tieghu b'dak li kien qed jigri, u ovvjament l-avukat tieghu tah parir biex jinforma lill-Pulizija b'kollox.

Id-difiza tattakka wkoll il-kredibilita ta' Camilleri ghaliex ghalkemm fil-bidu jghid li hassu mhedded imbaghad jghid li ma hassux mhedded fizikament. Fix-xhieda tieghu fuq citata Camilleri jghid car li d-diskors tal-imputat li hu mhux it-tip li jheddu m'ghogbux, ghax kif xehed hu stess seta' jiftiehem *both ways* u din il-Qorti taqbel ma' din l-interpretazzjoni. In oltre, peress li Camilleri qal lil martu b'dak li kien qallu l-imputat, din iktar inkwetat, u kien ukoll fuq parir taghha li mar ikellem lill-avukat. Inoltre, Camilleri xehed it-thedida bil-pulit saret fit-telefonata ta' qabel is-26 ta' Marzu 2012, u li huwa mar ikellem lill-avukat wara ftit jiem li hassu mhedded u mhux wara sena. Ovvjament, peress li Camilleri kellu bzonn jitlob il-permess tal-Qorti Kriminali sabiex ikun jista' jkellem lill-Pulizija, il-procedura hadet iz-zmien taghha, u l-permess inghata fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2012.[15]

Fin-nota taghha, id-difiza tghid ukoll li *"fid-dati in kwistjoni r-reat ma jirrizultax."* Frankament din il-Qorti ma tistax tifhem din l-allegazzjoni, ghaliex l-imputazjoni ssemmi *"nhar is-26 ta' Marzu 2012, kif ukoll matul ix-xhur ta' qabel din id-data."* Huwa vera din l-imputazzjoni ma tkomprix l-ewwel attentat ta' korruzzjoni li sar meta l-imputat u Camilleri kienu ghadhom it-tnejn taht arrest preventiv – ghax dik saret snin qabel, pero certament li din tkopri l-attentati ta' korruzzjoni li saru bid-diversi telefonati li saru fix-xhur ta' qabel is-26 ta' Marzu 2012 u anke fis-26 ta' Marzu 2012, kif xehed u spjega l-istess Camilleri.

[15] Ara fol. 14 tal-process.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, id-difiza ukoll targumenta ghal fini ta' kredibilita, li fil-fatt fil-waqt li Camilleri ammetta li kkommetta reat u gie ikkundannat ghal piena karcerarja u multa, l-imputat gie liberat minn kull akkuza wara li ghadda guri. Frankament, din il-Qorti ma tati l-ebda piz lil dan il-fatt. Din il-Qorti hi marbuta li tiddeciedi skond il-provi migjuba quddiemha, u ghal fini ta' htija o meno tal-imputat f'dawn il-proceduri, huwa irrilevanti kemm il-kundanna ghandu jew ma jkollux l-imputat, ghalkemm dan huwa fattur importanti fl-ikkalibrar tal-piena, kemm-il darba tinsab htija ta' xi wahda jew iktar mill-imputazzjonijiet dedotti kontrih.

Il-Qorti kellha l-opportunita li tisma' personalment lil Camilleri jixhed u ghar-ragunijiet fuq esposti ma ssib l-ebda raguni valida ghaliex ghandha tiskarta x-xhieda tieghu bhala wahda invertiera. Huwa vera li Camilleri xehed li hu cempel lill-imputat darba biss, meta mill-provi jirrizulta li cempillu seba' (7) darbiet – pero kif diga inghad erba' (4) telefonati minnhom kienu preceduti minn telefonati fl-istess gurnata tal-imputat u telefonata ohra damet sekonda – prezubilment cempillu bi zball. Iz-zewg telefonati l-ohra, li Camilleri ghamel fit-2 ta' Marzu u fis-26 ta' Marzu 2012 fuq in-numru li jispicca fil-51, u li l-Qorti temmen li kien fil-pussess jew taht il-kontroll tal-imputat, jidher li saru minn Camilleri minn rajh. Pero, kif din il-Qorti diga qalet, kien l-imputat li kellu bzonn l-ghajnuna ta' Camilleri u mhux vice-versa, u din il-Qorti ma thossx li ghandha tiskredita x-xhieda kollha li ta Camilleri, minhabba zball ta' min ghamel l-ahhar zewg telefonati – zball li fil-fehma tal-Qorti ma hux ta' rilevanza ghall-fini ta' kredibilita tal-allegazzjonijiet tax-xhud.

Min-naha l-ohra, il-Qorti kellha wkoll l-opportunita li tisma' lill-imputat jixhed, u ghar-ragunijiet fuq esposti, issib il-versjoni tieghu tal-fatti mhux kredibbli.

Konsegwentement, il-Qorti ssib lill-imputat hati li pprova jikkorrompi lil Joseph Camilleri biex jixhed il-falz fil-guri li kien se jghaddi minnu l-imputat, bi ksur tal-Artikolu 102(b) u (c) tal-Kodici Kriminali.

*L-Imputazzjoni ta' Korruzzjoni ta' Ufficjali Pubblici*

It-tieni imputazzjoni hija ta' attentat ta' korruzzjoni ta' PC 364, WPC 127 u PC 1213, waqt li dawn kienu qed jaghmlu tfittxija fil-garaxx minn fejn l-imputat jopera bhala mekkanik. Gie ippruvat bi provi dokumentarji li dawn it-tlieta jifformaw parti mill-Korp tal-Pulizija, u ghalhekk huma kkunsidrati Ufficjali Pubblici.

F'din it-tfittxija instabu arma tan-nar, munizzjon, cross-bow u vleggeg, u dawn il-Pulizija riedu jelevawhom.

PC 364 David Borg xehed[16] li meta l-imputat ra li kienu ser jelevaw il-cross-bow u l-vleggeg, *"qalilna jekk tahsbu li ser idahhalni fl-inkwiet, dan halluh il-cross bow, halluh. U bdejt nghidlu isma' ieqaf."* Huwa kompla jixhed li wara li lestew it-tfittxija, l-imputat talbu biex jidhol jimtmesah ftit fis-shower li kellu fuq wara u jilbes flokk dicenti. PC 364 qallu li din ma kienetx problema u skortah sa dan is-shower. Wara li l-imputat biddel u kienu hergin, PC 364 xehed hekk: *"... ... Qalli 'isma, u ejja, jekk tafu li ser ddahhalni fl-inkwiet din il-cross bow halluha.", qalli 'naghtikom xi haga u aqsmuha bejnietkom.' U dak il-hin jien ghidtlu 'ma tarax!' Ghidtlu 'ahna dawn l-affarijiet ma naghmluhomx, ma naghmlux dawn l-affarijiet.' Ghidtlu b'dan li qed tghid, ser ninforma kollox lill-Ispettur."* U fil-fatt hekk ghamel.

Fix-xhieda taghhom PC 1213 Carlos Axisa u WPC 127 Carmen Gauci jikkonfermaw li l-imputat staqsihom jekk il-cross bow hux se jgibu fl-inkwiet u biex fil-kaz ma jelevawhx. Huma jikkonfermaw ukoll li meta l-imputat u PC 364 kienu hergin minn got-toilet, semghu lil PC 364 jghid lill-imputat *"tergax tistaqsini ... ... ahna ma naghmlux dawn l-affarijiet."*

Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-imputat ammetta li meta mar ibiddel lil Pulizija minnhom qallu *"isma jekk il-cross bow tahseb li ser igibni fl-inkwiet hallihuli l-garaxx, tehodulix."*[17] Huwa kompla jixhed li l-Pulizija qalulu li ma setghux jaghmlu hekk u haduh maghhom. Huwa rilevanti li b'din ix-xhieda biss, l-imputat diga ammetta li lill-Pulizija beda jipprova jipperswadihom biex ma jaghmlux xogholhom.

[16] Ara xhieda ta' PC 364 David Borg a fol. 92 *et seq.* tal-process.
[17] Ara fol. 180 tal-process.

Meta kien mistoqsi fix-xhieda tieghu dwar jekk kienx qal lill-Pulizija *"naghtikom xi haga u aqsmuha bejnietkom",* l-imputat cahad li qal dan il-kliem. Pero, meta sussegwentement l-abbli avukat difensur tieghu rega' staqieh jekk din il-frazi qaliex jew le, waqt li kienu hergin mis-shower room, l-imputat irrisponda hekk: *"Dik il-bicca lanqas intqalet as such dak il-hin. Intqalet x'hin konna hergin u sejrin lura d-dar."*[18] Ovvjament, l-avukat induna li dak li kien ghadu kemm xehed l-imputat, ma kienx dak li suppost kellu jixhed, rega' staqsieh jekk kienx intqal id-diskors *"naghtikom xi haga"*, u l-imputat rega' nnega li qal dak id-diskors, pero ma setghax jaghti xi raguni ghalfejn il-Pulizija kienu xehdu hekk.[19]

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, d-difiza tissottometti fl-ewwel lok li din l-imputazzjoni ma tissussistix fil-konfront ta' WPC 127 Carmen Gauci u PC 1213 Carlos Axisa stante li skond hu, fix-xhieda taghhom, dawn qatt ma gew mitkellma mill-imputat biex jikkorrompihom. Hawnhekk, l-imputat jidher li ghandu ragun. Mix-xhieda ta' dawn iz-zewg ufficjali tal-Pulizija, ma jirrizultax li l-imputat offrielhom direttament il-flus sabiex ma jelevawx il-cross-bow.

Id-difiza tissottomettu wkoll li PC 364 David Borg mhux kredibbli meta jghid li l-imputat offrielu l-flus waqt li kien fis-shower, ghaliex likieku iz-zewg ufficjali tal-Pulizija l-ohra, kienu wkoll jisimghu lill-imputat jghid dan il-kliem. Apparti l-fatt li l-imputat seta' ghamel din l-offerta minn taht l-ilsien biex iz-zewg ufficjali tal-Pulizija l-ohra ma jisimghuhx, ma hemmx dubbju li gie ppruvat sal-grad rikjest fil-kamp krimnali li PC 364 David Borg hareg mis-shower room jghajjat mal-imputat u jghidlu kliem fis-sens *"ahna dawn l-affarijiet ma naghmluhomx."* Dan huwa konfermat ukoll miz-zewg ufficjali l-ohra tal-Pulizija.

Dawn il-kliem ta' PC 364 ma jaghmlux sens, kieku qabel l-imputat ma talbux jaghmel xi haga, li hu bhala ufficjal tal-Pulizija kien projbit milli jaghmel. Issa l-imputat kien diga talabhom biex ma jelevawx il-cross bow, u l-Pulizija irrifjutaw. Ghalhekk, bil-fors li lil PC 364 rega' talbu jaghmel xi haga ohra illegali, biex wiegbu kif wiegbu.

L-imputat ma kienx kapaci jaghti xi spjegazzjoni ghaliex dawn l-Ufficjali tal-Pulizija xehedu kif xehdu. Huwa rilevanti li fl-ufficju tal-imputat kien hemm is-somma ta' €12,000 – li ghal

[18] Ara fol. 181 tal-process.
[19] Ara fol. 182 tal-process.

bidu l-Ufficjali tal-Pulizija kienu se jelevaw, pero wara li ghamlu l-verifiki necessarji u tkellmu mal-Ispettur, ma kienux gew elevati.

Id-difiza tissottometti li PC 364 kien kontradittorju fix-xhieda tieghu, ghax meta gie biex jeleva is-somma ta' €12,000, l-imputat kellmu b'mod arroganti u bi kliem baxx u mbaghad wara jghid li l-imputat prova jikkorrompih. Dak li naqset li tghid id-difiza, hu li PC 364 u l-ufficjali l-ohra tal-Pulizija ma elevawx dawk il-flus, fuq struzzjonijiet tal-ispettur, ghax l-imputat iggustifika l-origini ta' dawk il-flus u ma rrizulta xejn illegali fl-akkwist taghhom. Meta ra li l-Pulizija kienu ragonevoli, ovvjament l-animosita li kellu l-imputat lejn l-Ufficjali tal-Pulizija talli riedu jelevawlu l-flus sparixxiet. Konsegwentement ma hemm l-ebda kontradizzjoni fix-xhieda ta' PC 364.

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti temmen ix-xhieda ta' PC 364 li l-imputat prova jikkorrompih billi joffrilu l-flus, biex jaqsamhom mal-ufficjali tal-Pulizija l-ohra, sabiex ma jelevawx il-cross-bow.

Ghaldaqstant, il-Qorti issib lill-imputat hati talli ghamel attentat biex jikkorrompi ufficjal pubbliku u cioe PC 364 bi ksur tal-Artikolu 120(2) abbinat mal-Artikolu 115(b) tal-Kodici Kriminali.

L-Artikolu 119 imsemmi fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali mhux applikabbli fil-kaz odjern, stante li dan japplika ghar-reati ta' korruzzjoni kontemplati fl-Artikoli 112 sa 118 tal-Kodici Kriminali.

(b) *L-Imputazzjonijiet fl-artikoli 5(1) u 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta*

Mix-xhieda ta' PC 364 David Borg u PC 213 Carlos Axisa, jirrizulta li fuq in-naha ta' gewwa tal-garaxx fejn l-imputat kien jezercita l-professjoni tieghu ta' mekkanik, l-imputat kellu qisu bicca ufficcju zghir miftuh, fejn kellu bank u xi xkafef u skrivanija bil-computer, u hemm kien izomm karti u dokumenti. Wara l-computer instabet pistola antika Germaniza u zewg kaxxi bullets, u nstabu xi 5 bullets ohra sfuzi.

Kien hemm ukoll cross bow imdendel mal-ixkaffa fejn l-imputat kien izomm il-parts u basket b'20 vlegga go fih.

WPC 206 Marika Galea xehdet li mir-ricerki li ghamlet fis-sistema tal-armi u licenzji tal-armi, irrizulta li l-imputat ma ghandu l-ebda licenzja tal-arma u ma ghandu l-ebda arma licenzjata fuq ismu.

Fir-rapport tieghu,[20] l-espert tal-ballistika mahtur minn din il-Qorti, il-Brigadier Maurice Calleja ikkonkluda li:

1. Il-crossbow kienet wahda moderna tal-metal li fiha 77.5 cm tul, u ghanda potenza qawwija. Il-wiehed u ghoxrin (21) vlegga huma ta' xi fibre u ghandhom ponta tal-metall. Dawn ghandhom tul ta' 42 cm. Huwa kkonkluda li l-crossbow hija arma potenti hafna u tirrikjedi licenzja tal-Pulizija biex tinxtara u tinzamm.

2. Il-pistola kienet tal-marka Luger kalibru 9mm Model 1917. Din hija pistol li kienet tat-truppi Germanizi fit-Tieni Gwerra Dinjija. Il-munizzjon kollu li hemm 84, hlief wahda huwa kollu tal-kalibru 9mm li huwa l-istess kalibru bhall-pistola. Dan il-munizzjon huwa kollu kkargat (live). Kien hemm bullet wahda ta' kalibru differenti u li ma ghandha l-ebda konnessjoni mal-pistola Luger. Pero hemm zewg bullets minnhom tal-kalibru 9mm li huma tat-tip *Hollow point.* Dawn huma maghmulin sabiex jikkagunaw feriti aktar gravi minn dawn l-ohrajn.

Il-Brigadier Calleja kompla jghid hekk *"Sabiex jaccerta ruhu l-esponent li l-pistola kienet tiffunzjona tajjeb huwa spara zewg balal minn dawk li kien hemm. Huwa sab li l-pistola tiffunzjona tajjeb f'kull aspett."*

Ghalhekk, iz-zewg armi jirrikjedu licenzja tal-Pulizija biex jinxtraw u jinzammu.

Fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid li l-crossbow kien xtrah minghand bniedem Taljan li jigi jbiegh l-ghodda. Il-fatt wahdu li l-imputat ammetta li l-crossbow kien tieghu, huwa

[20] Ara Dok MC1 a fol. 117 *et seq.* tal-process.

ammissjoni tal-ksur tal-Artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, billi gie ippruvat li ma kellux licenzja biex jixtrieh u jzommu.

Rigward il-pistola, l-imputat xehed li l-garaxx fejn instabet – li hu l-istess garage fejn jezercita l-professjoni tieghu ta' mekkanik – jappartjeni lil huh, u li kellhom ic-cwievet tieghu, missieru, ommu u hu. Huwa xehed li din il-pistola kienet tappartjeni lil nannuh u wara li miet nannuh, baqghet ghand missieru. Jghid li missieru kien sabha go kaxxa tal-injam u *"xtaq jirristawraha biex izommha tifkira ta' missieru".*[21]

Min-naha l-ohra missier l-imputat Charles Bajada xehed li din l-arma kienet tappartjeni lil missieru, u kien izommha go kaxxa fil-garaxx tieghu fejn kien izomm il-karozza tieghu. Jaf li l-pistola kellha l-bullets taghha. Skond dan ix-xhud, il-kaxxa iddewded, u hu kien pogga l-pistola go borza u hadha fil-garaxx ta' hu l-imputat, Stephen, liema garage hu uzat mill-imputat. Fil-fatt il-pistola instabet f'dan it-tieni garage. Charles Bajada xehed li l-arma giet ghandu meta miet missieru fl-1994 u ma jafx li kien hemm xi licenzja tal-Pulizija fuqha. Hu jkompli jghid li hu ha din il-pistola fil-garage tat-tifel tieghu Stephen circa 2003 u *"qisu minn meta hadtha umbaghad ma tajtx kaz taghha jien."*[22]

L-unika raguni li ta x-xhud Charles Bajada ghalfejn nehha il-pistola mill-garage tieghu u poggiha f'dik tat-tifel, kien ghax fil-garaxx tieghu *"hemmhekk ma nzomm xejn jien hlief il-karozza. Iva kienet hemm, umbaghad minn hemmhekk kieku ma kienx id-dud hemm kienet tibqa' imma mbaghad meta nehhejtha minn hemm mhux se nhalliha hemmhekk. Hadtha fil-garaxx l-iehor."*[23] Din il-Qorti ma ghandha l-ebda ezitazzjoni li tghid li ssib din l-ispjegazzjoni li ta x-xhud Charles Bajada ghalfejn nehha l-pistola mill-garage tieghu u poggiha fil-garage tat-tifel ghal kollox inattendibbli. Dan ix-xhud irid lil din il-Qorti temmen li hu zamm il-pistola go kaxxa pjuttost imdaqqsa fil-garage tieghu, ghall-inqas mill-1994 sa circa 2003, u qatt ma dejqitu. Meta din il-kaxxa ddewdet, iddecieda li jpoggi l-pistola f'borza u jpoggiha fil-garage tat-tifel Stephen, ghax iddecieda li fil-garage tieghu izomm biss il-karozza tieghu. Din l-ispjegazzjoni assolutament ma taghmilx sens. Jekk il-kaxxa originali ddewdet, seta' poggiha go kaxxa ohra izghar jew go borza kif ghamel u halliha fil-garage tieghu, ghax kienet tohodlu inqas spazju, u mhux johodha go garage ta' mekkanik – anki

[21] Ara fol. 185 tal-process.
[22] Ara fol. 420 tal-process.
[23] Ara fol. 420 tal-process.

tnejn, ghax milli jidher it-tifel l-iehor Stephen hu mekkanik ukoll – fejn tista' facilment tigi spusstjata jew tintilef.

Barra minnhekk, il-Qorti tosserva kontradizzjoni bejn ix-xhieda tal-imputat u x-xhieda ta' Charles Bajada. L-imputat xehed li l-pistola kienet qieghda ghandu ghax missieru xtaq jirristawraha biex izomma tifkira ta' missieru (in-nannu tal-imputat). Mir-rapport tal-espert Brigadier Maurice Calleja jirrizulta li fil-fatt din il-pistola ma kellha bzonn l-ebda ristawr u kienet tahdem perfettament minn kull aspett. Pero missier l-imputat, Charles Bajada, jghid li minn meta ha l-pistola fil-garage tat-tifel circa fit-2003 – cioe circa xi 10 snin qabel instabet mill-Pulizija – hu ma tax kazha izjed. Allura mhux vera dak li qal l-imputat li missieru xtaq jirristawraha biex izommha bhala tifkira ta' missieru.

Apparti dawn l-inkonsistenzi u kontradizzjonijiet fix-xhieda, il-Qorti tosserva li l-Artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 jippreskivi hekk: *"Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, ħadd ma għandu jżomm f'xi fond jew ikollu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew iġorr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II mingħajr ma jkollu liċenza taħt dan l-Att."*

Issa din il-pistola instabet fil-garage fejn l-imputat jezercita l-professjoni tieghu ta' mekkanik, u mill-provi jirrizulta li fuq wara ta' dan il-garage, l-imputat kellu ufficju zghir, fejn fost affarijiet ohra kien izomm desk bil-computer fuqu u karti u dokumenti. Din il-pistola bil-munizzjon taghha instabet wara dan il-computer. Il-mistoqsija tqum wahedha – x'kienet qed taghmel pistola antika wara l-computer tal-imputat?

Din il-Qorti hija sodisfatta li l-Prosekuzzjoni ippruvat sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li din il-pistola kienet fil-pussess u taht il-kontroll tal-imputat. Missier l-imputat xehed li hu ma kellu l-ebda interess fiha, minkejja x'xhieda kuntrarja tal-imputat, u l-imputat kien qed izommha ezattament wara l-computer tieghu, fejn seta' facilment jaraha u jikkontrollha.

Konsegwentement, il-Qorti issib lill-imputat hati tar-reati kontemplati fl-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

*(c) <u>L-imputazzjoni fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>*

Il-Prosekuzzjoni ezebiet is-sentenza **Il-Pulizija vs Matthew Bajada**, deciza fit-23 t'Ottubru 2008, minn din il-Qorti diversament preseduta, u ma huwa pacifiku bejn il-partijiet li din is-sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula. Il-konnotazzjonijiet relevanti tal-imputat f'dik il-kawza jaqblu ma' dawk tal-imputat fil-kaz odjern. F'din il-kawza, l-imputat kien wehel multa ta' €118, tali saq vettura minghajr licenzja mahruga mill-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta. Ghaldaqstant din l-imputazzjoni giet sodisfaccentement ippruvata.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

L-imputat instab hati talli ipprova jikkorrompi xhud b'weghdiet ta' flus u beneficcji ohra u anki theddid pulit sabiex jixhed il-falz fil-guri tieghu, u talli ipprova jikkorrompi Ufficjal tal-Pulizija billi offrielu flus biex ma jaqdix id-doveri tieghu. Inoltre, instab hati talli zamm zewg armi perikoluzi fil-pussess u l-kontroll tieghu minghajr licenzja tal-Pulizija. Ma hemmx dubbju li dawn r-reati huma ta' natura gravi u uhud minnhom seta' kellhom konsegwenzi serji.

Il-fedina penali aggiornata tal-imputat mhix wahda felici, izda lanqas hija wahda allarmanti. Il-fedina penali fiha erba' kundanni, li jikkonsistu f'kundanna talli involuntarjament ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq terza persuna, talli ikkommetta r-reat ta' *ragion fattasi*, talli ikkommetta r-reat li saq vettura bla licenzja u fil-mori ta' dawn il-proceduri kellu kundanna li kiser il-buon ordni u l-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied u li m'obdiex ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija.

Rigward ir-reat ta' korruzzjoni ta' xhud, l-Artikolu 120 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi hekk:

*"Kull min, fi proċeduri ċivili jew kriminali, jikkorrompi xhud, perit jew xi interpretu, sabiex jagħti xiehda falza, jew jagħmel perizja falza jew jagħti tifsir falz, jeħel, meta jinsab ħati -*

*(a) jekk ix-xiehda jew il-perizja falza jew it-tifsir falz ikunu ġew mogħtija, il-piena li għaliha hija suġġetta persuna li tagħti xiehda falza;*

*(b) meta jkun hemm biss attentat ta' korruzzjoni ta' xhud, perit jew interpretu, l-istess piena mnaqqsa grad jew żewġ gradi;*
*(ċ) meta l-korruzzjoni tkun saret bl-użu ta' forza, theddid, biża' jew bit-twegħid, offerta jew għoti ta' xi vantaġġ mhux dovut sabiex tinġiegħel li tingħata xiehda falza, il-piena msemmija fil-paragrafu (a) miżjuda bi grad wieħed jew tnejn."*

Ghalkemm l-imputat instab hati biss ta' attentat ta' korruzzjoni ta' xhud taht il-paragrafu (b), u ghalhekk il-piena li ghaliha hi suggetta persuna li taghti xhieda falza ghandha tkun imnaqqsa bi grad jew zewg gradi, din il-mitigazzjoni fil-piena hija newtralizzata bil-fatt li l-imputat instab hati wkoll taht il-paragrafu (c), stante li l-korruzzjoni saret bit-tweghid, offerti jew ghoti ta' vantagg mhux dovut, kif ukoll bit-theddid, u f'dan il-kaz il-piena ghal xhieda falza ghandha tizdied bi grad jew tnejn. B'hekk jigi, li l-imputat irid jinghata l-piena kontemplata fl-Artikolu 108 u 109 ghal min jinsab hati ta' xhieda falza.

Il-Qorti tirrileva li hi obbligata li tapplika l-piena ta' interdizzjoni kontemplata fl-Artikolu 109, stante li dan jippreskrivi illi *"Il-Qorti ghandha"* (sottolinear ta' dina l-Qorti) tapplika din il-piena f'kaz li ssib htija tar-reat ta' spergur.

Billi l-imputat instab hati wkoll li hu recidiv, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena ghandha tizdied bi grad.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali:

1. Issib l-imputat mhux hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 119 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qed tilliberah minnha.
2. Wara li rat l-artikoli 102(b) u (c), 115(b), 120(2), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 u l-artikoli artikoli 5(1) u 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tar-reati kollha kontemplati fihom, u tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva ta' tlett (3) snin.
3. Ai termini tal-Artikolu 109 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda tikkundanna lill-hati ghall-piena tal-interdizzjoni ġenerali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-ħati jservi bħala xhud, ħlief quddiem il-qrati tal-ġustizzja, u bħala perit, f'kull

każ li jkun, ghal zmien hames (5) snin mil-lum.

4. Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-pistola, tal-munizzjon kollu elevat, tal-crossbow, tal-vleggeg u tal-accessorji kollha taghhom li gew elevati u ezebiti f'dawn il-proceduri.
5. Fl-ahharnett, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' sitt mija u sitta u tletin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€636.29) li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

**Magistrat**

**Dott. Alan Zerafa**
**Deputat Registratur**